# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022.**

**Numru 3**

**Rikors numru 200/19/1 GM**

**Meliza Muscat u Yousef Essesi**

**v.**

**Id-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin**

1. L-atturi appellaw mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim' Awla fit-3 ta' Mejju 2022 għaliex jippretendu li kellha tillikwida kumpens mhux pekunjarju iktar minn €500 għall-attriċi u €1,000 għall-attur. Dan wara li fil-15 ta' Ottubru 2019 l-atturi fetħu kawża u talbu lill-ewwel Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara li d-drittijiet tal-rikorrenti sabiex jiżżewġu jkollhom ġew miksura;*
>
> *2. Tiddikjara illi d-drittijiet tar-rikorrenti għal rispett lejn il-ħajja privata u familjari, id-dar u l-korripondenza kienu miksura; u*

*3. Tiddikjara li l-aġir tad-Direttur intimat fil-konfront tar-rikorrenti Essesi sarraf fi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti mill- Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal- Konvenzjoni Ewropea;*

*4. Tiddikjara illi r-rekluzjoni in ġenerali hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem skont Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*5. Tiddikjara illi ż-żamma ta' priġunier waħdu f'diviżjoni vojta hija leżiva għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem skont Artikolu 3 tal- Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*6. Tiddikjara illi ż-żamma ta' priġunier ġo ċella għarwien u bla saqqu hija leżiva għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem skont Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*7. Tordna lid-Direttur intimat sabiex jieħu dawk il-miżuri kollha neċessarji sabiex jippermetti ż-żwieġ tal-partijiet;*

*8. Tagħti lid-Direttur intimat dawk id-direttivi u ordnijiet ulterjuri li tħoss xierqa”*.

2. B’sentenza tat-3 ta’ Mejju 2022 l-ewwel Qorti ddeċidiet:

*“1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat safejn mhumiex kompatibbli mal- parti deċiżiva ta’ din is-sentenza.*

*2. Tilqa’ l-ewwel talba billi tiddikjara li r-rikorrenti ma tħallewx jiżżewġu bi ksur tal-Artiklu 12 tal-Konvenzjoni (kif applikata minn Art. 2, Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta).*

*3. Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara illi d-drittijiet tar-rikorrenti għal rispett lejn il-ħajja privata u familjari, id-dar u l-korripondenza kienu miksura bi ksur tal-Artiklu 8 ta-Konvenzjoni (kif applikata minn Art. 2, Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta) tal-Artiklu 32(ċ) tal-Kostituzzjoni.*

*4. Tiċħad it-tielet, ir-raba’ u l-ħames talbiet.*

*5. Tilqa’ s-sitt talba billi tiddikjara illi ż-żamma ta' Yousef Essesi ġo ċella għarwien u bla saqqu hija trattament inuman u degradanti bi ksur tal- Artikolu 3 tal-Konvenzjoni (kif applikata minn Art. 2, Kap 319 tal- Liġijiet ta’ Malta) u l-Artiklu 36 tal-Kostituzzjoni. Tiddikjara wkoll li t- trattament ta’ Essesi wara l-preżentata tal-protest ġudizzjarju u l- programm televiżiv ukoll jikkostitwixxu trattament – u kastig – inuman u degradanti.*

*6. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba’ talba billi din ġiet eżawrita mill-bdil fiċ-ċirkostanzi.*

*7. Tiċħad it-tmien talba għaliex m'hemmx ħtieġa li tagħti lid-Direttur intimat direttivi u ordnijiet ulterjuri.*

*8. Tilqa' d-disa' talba billi tordna lill-intimat jikkumpensa lil Meliza Muscat €500 u lil Yousef Essesi €1,000 bħala danni morali.*

*Spejjeż a kariku tal-intimat".*

3. Għal dawk li huma fatti rilevanti għall-appell tal-atturi, mill-atti jidher li l-attur ilu snin residenti fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin jiskonta pieni karċerarji. Hu kien applika għal-*leave* sabiex jiżżewweġ lill-attriċi. Oriġinarjament kien ingħata l-*leave* sabiex imur jagħmel it-tnidijiet taż-żwieġ li kienu pubblikati u għalqu fil-25 ta' Lulju 2018 (fol. 365). Iż-żwieġ kellu jsir fit-13 ta' Awwissu 2018, pero` ma sarx għaliex il-konvenut irtira l-permess. Irriżulta wkoll li kien hemm perjodu meta l-attur ma kienx qiegħed jingħata l-korrispondenza li tibgħatlu l-attriċi, li l-ewwel Qorti attribwiet għall-fatt li l-attriċi kienet irrakkontat il-każ waqt programm televiżiv. Raġuni li skont l-ewwel Qorti wasslet sabiex l-attriċi tkun projbita` milli tidħol fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u l-attur ma jingħatax ittra li tibgħatlu l-attriċi. L-ewwel Qorti kkonkludiet ukoll li kien hemm okkażjoni meta l-attur tpoġġa f'ċella f'taqsima 6, li kienet mingħajr toilet, sink, saqqu, sodda u liżar, u tħalla għarwien. F'dik iċ-ċella dam lejl. Dan seħħ wara li fis-7 ta' Awwissu 2019 l-atturi ppreżentaw protest ġudizzjarju minħabba li l-attur ma ngħatax *prison leave* sabiex jiżżewweġ lill-attriċi (fol. 397), u wara li l-attriċi tat intervista f'programm televiżiv fejn irrakkontat x'kien ġralhom. Il-Qorti tagħmilha ċara li l-apprezzament tal-provi sar mill-ewwel Qorti. Eżerċizzju li m'hemmx bżonn li jsir f'dan l-istadju ġaladarba ma sarx appell mill-kapi tas-sentenza li sabu ksur tal-Art. 2, 3 u 12 tal-Konvenzjoni Ewropea u Art. 32 u 36 tal-

Kostituzzjoni, u mill-kap tas-sentenza li bih l-ewwel Qorti ċaħdet it-tielet, ir-raba' u ħames talbiet tal-atturi.

4. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti qalet liema kienu dawk l-atti li wasslu għall-ksur tal-Art. 3 u 12 tal-Konvenzjoni Ewropea u Art. 36 tal-Kostituzzjoni.

5. B'rikors preżentat fit-23 ta' Mejju 2022 l-atturi appellaw mis-sentenza għaliex fil-fehma tagħhom il-kumpens li llikwidat l-ewwel Qorti hu ftit wisq meta tikkonsidra li:

i. It-trattament inuman u degradanti li sofra seħħ meta kien taħt il-kontroll ta' persuna;

ii. L-ewwel Qorti għarfet is-serjeta` tal-każ u fil-kumpens ma kinitx ekwa fl-ammont li llikwidat;

iii. Saret ħsara fiżika u psikoloġika lill-attur;

iv. L-attur sofra abbuż iktar miż-żewġ okkażjonijiet li ġew identifikati fis-sentenza. Kien qiegħed jorqod f'ċella mal-art, mikxuf u qalb il-ħmieġ tal-bżonnijiet naturali tiegħu;

v. Kien persuna vulnerabbli għaliex kien jaqa' taħt il-kontroll ta' persuna;

vi. Ma tħalliex jiżżewweġ bħala att vendikattiv u ħadulu l-ittri personali li kien jirċievi mingħand l-attriċi;

6. Għalhekk talbu lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentena appellata billi tordna lill-konvenut iħallashom kumpens mhux pekunjarju li hu ġust u ekwu li jirrifletti s-serjeta` tal-każ.

7. Il-konvenut ma weġibx.

8. Fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2022 saret trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet.

9. Għalkemm l-attur jilmenta li kien hemm ħafna iktar każijiet fejn hu ġie trattat b'mod inuman u degradanti, il-Qorti tqis li dan l-ilment ma jistax jiġi kkonsidrat. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti qalet liema kienu l-każijiet fejn seħħ trattament inuman u degradanti u saħansitra ċaħdet it-tielet, ir-raba' u ħames talbiet tal-atturi. Dik il-parti tas-sentenza hi ġudikat għaliex l-atturi m'appellawx minn dak il-kap tas-sentenza.

10. Il-ksur li sabet l-ewwel Qorti kien:

i. Tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex bl-aġir tal-konvenut l-atturi ma tħallewx jiżżewġu;

ii. Tal-Art. 8 tal-Kovenzjoni u Art. 32(ċ) tal-Kostituzzjoni għaliex ma tħallewx jiltaqgħu għall-perjodu ta' sitt xhur u għaliex kien hemm perjodu li matulu l-attur ma ngħatax l-ittri li kienet tibgħatlu l-attriċi.

iii. Tal-Art. 3 tal-Konvenzjoni u Art. 36 tal-Kostituzzjoni meta l-attur inżamm "5...... ġo ċella għarwien u bla saqqu" u l-istess fir-rigward *"5. .... t-trattament ta' Essesi wara l-preżentata tal-protest ġudizzjarju u l-programm televiżiv".*

11. Il-Qorti qrat l-atti u qieset ukoll:

i. Min-nota ta' sottomissjonijiet li l-atturi stess ippreżentaw fl-ewwel Qorti fl-24 ta' Frar 2022 (fol. 875) jirriżulta li ma komplewx fir-relazzjoni li kellhom flimkien;

ii. Minn *recordings* ta' telefonati li saru bejn l-atturi lejn l-aħħar tas-sena 2019 jirriżulta li f'dak iż-żmien ukoll ir-relazzjoni ma kienet xejn tajba bejn il-partijiet. Fil-fatt matul dawk it-telefonati tinstema' sitwazzjoni xejn sabiħa f'dik ir-relazzjoni;

iii. L-attur ilu s-snin jaqla' inċidenti u kellu kwantita` kbira ta' każijiet ta' dixxiplina kemm ilu jgħix fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Dan hu ċar mill-*file* tiegħu eżebit fl-atti fejn hemm diversi rapporti kontrih. L-istess mill-*behaviour report* (fol. 415 *et seq*) jirriżulta li ilu s-snin jaqla' l-inkwiet u kompla b'mod regolari, inkluż matul is-sena 2020. Skont rapport li sar f'Marzu 2021 mill-Care and Reintegration Unit Multidisciplinary Team Meeting (fol. 806) kompost fost'oħrajn minn psikoloġi, il-*clinical risk level* tal-attur hu deskritt bħala *very high risk – dangerous personality*. L-atteġġjament tal-attur fil-faċilita` tant hu ribelluż li tilef ukoll kwantita` mhux żgħira ta' *remission* mill-pieni li qiegħed jiskonta. Saħansitra qala' wkoll l-inkwiet f'taqsima 8 fejn skont il-konvenut jinżammu nies vulnerabbli bħall-anzjani u b'diżabilita` u suppost hi l-iktar taqsima kalma li hemm fil-faċilita`. Madankollu skont il-konvenut l-imġieba tiegħu tjiebet riċentement (ara depożizzjoni tal-25 ta' Mejju 2021);

iv. L-ewwel Qorti sabet ksur tal-Art. 3 tal-Konvenzjoni u Art. 36 tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' tlitt ijiem u mhux il-perjodu kollu li kien qiegħed jirreferi għalih. Fil-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta fl-ewwel Qorti kien għamel referenza għall-iżolament f'perjodu ta' 7 xhur. Pero` l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur fir-rigward tal-imsemmi perjodu.

12. Wara li l-Qorti qieset dak kollu li ngħad hawn fuq hi tal-fehma li m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni li eżerċitat l-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-ħlas ta' kumpens mhux pekunjarju. Fir-rikors tal-appell ma ntqal

xejn li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti mod ieħor. Il-Qorti hi tal-fehma li r-rimedju kompensatorju li tat l-ewwel Qorti kien sufficjenti.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm